



Il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija mal-Armenja

Hija tqis li, għalkemm il-Ftehim ta' Sħubija jippreżenta ċerti rabtiet mal-PESK, l-elementi jew id-dikjarazzjonijiet ta' intenzjoni inklużi fih u li huma marbuta miegħu ma humiex suffiċjenti sabiex jikkostitwixxu komponent awtonomu ta' dan il-ftehim li jista' jaqsam l-att tal-Kunsill f'żewġ deċiżjonijiet distinti

Il-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra (iktar 'il quddiem il-“Ftehim ta' Sħubija mal-Armenja”), ġie ffirmat fl-24 ta' Novembru 2017. Dan il-ftehim jipprevedi l-ħolqien ta' kunsill ta' sħubija u ta' kumitat ta' sħubija, kif ukoll il-possibbiltà li jinħolqu sottokumitati u korpi oħra. Huwa jipprevedi wkoll li l-Kunsill ta' Sħubija għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu u jiddefinixxi fih id-dmirijiet u l-funzjonament tal-Kumitat ta' Sħubija.

Il-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà adottaw flimkien fid-29 ta' Novembru 2018, konformement mal-Artikolu 218(9) TFUE, proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill ta' Sħubija dwar l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet relatati mar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ta' Sħubija, tal-Kumitat ta' Sħubija, tas-sottokumitati u ta' kull korp ieħor speċjalizzat. Fil-proposta emendata tagħha tad-19 ta' Lulju 2019, il-Kummissjoni neħħiet ir-riferiment għall-Artikolu 37 TUE, dwar il-konklużjoni ta' ftehimiet fil-qasam tal-politika barranija u tas-sigurtà komuni (PESK), bħala bażi legali sostantiva. Il-Kunsill qasam l-imsemmija proposta ta' deċiżjoni f'żewġ deċiżjonijiet distinti. Għalhekk, huwa adotta, minn naħa, id-Deċiżjoni 2020/245, intiża sabiex tiżgura l-applikazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija, bl-eċċezzjoni tat-Titolu II tiegħu, u bbażat fuq il-bażijiet legali sostantivi kkostitwiti mill-Artikoli 91, 207 u 209 TFUE, fil-qasam tat-trasport, tal-kummerċ u tal-iżvilupp. Min-naħa l-oħra, huwa adotta d-Deċiżjoni 2020/246, intiża sabiex tiżgura l-applikazzjoni tat-Titolu II ta' dan il-ftehim, dwar il-kooperazzjoni fil-qasam tal-PESK, ibbażata fuq bażi legali sostantiva kkostitwita biss mill-Artikolu 37 TUE. Filwaqt li d-Deċiżjoni 2020/245 ġiet adottata b'maġġoranza kkwalfikata, id-Deċiżjoni 2020/246 ġiet adottata bl-unanimità. Il-Kummissjoni kkontestat, quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-qsim f'żewġ deċiżjonijiet tal-att tal-Kunsill, l-għażla tal-Artikolu 37 TUE bħala bażi legali tad-Deċiżjoni 2020/246, kif ukoll tar-regola ta' vot li rriżultat minnha, u talbet, konsewwentement, l-annullament taż-żewġ deċiżjonijiet tal-Kunsill.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tannulla d-deċiżjonijiet tal-Kunsill 2020/245 u 2020/246. Hija tiddeċiedi li, għalkemm il-Ftehim ta' Sħubija jippreżenta ċerti rabtiet mal-PESK, l-elementi jew id-dikjarazzjonijiet ta' intenzjoni inklużi fih u li huma marbuta miegħu ma humiex suffiċjenti madankollu sabiex jikkostitwixxu komponent awtonomu ta' dan il-ftehim li jista' jiġġustifika li d-Deċiżjoni 2020/246 tkun ibbażata fuq l-Artikolu 37 TUE bħala bażi legali sostantiva u fuq it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(8) TFUE bħala bażi legali proċedurali. Hija tqis ukoll li, f'dawn iċ-ċirkustanzi, xejn ma jiġġustifika li l-att dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni fi ħdan il-Kunsill ta' Sħubija stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija mal-Armenja jinqasam f'żewġ deċiżjonijiet.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

Preliminarjament, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li, bis-saħħa tal-Artikolu 218(8) TFUE, il-Kunsill jiddeċiedi, bħala regola ġenerali, b'maġġoranza kkwalifikata u li huwa biss fil-każijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu ta' din id-dispożizzjoni li huwa jiddeċiedi b'unanimità. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-regola ta' vot applikabbli għandha, f'kull każ partikolari, tiġi ddeterminata skont jekk taqax jew le taħt il-każijiet previsti fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 8 tal-Artikolu 218 TFUE, peress li l-għażla tal-bażi legali sostantiva tad-deċiżjoni kkonċernata għandha tkun ibbażata fuq elementi oġġettivi li jistgħu jkunu suġġetti għal sferriġ ġudizzjarju, fosthom l-għan u l-kontenut ta' dan l-att.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li għalkemm l-eżami ta' att tal-Unjoni juri li dan tal-aħħar għandu għan doppju jew li għandu komponent doppju u jekk wieħed minn dawn jista' jiġi identifikat bħala dak prinċipali jew predominanti, filwaqt li l-ieħor huwa biss anċillari, l-att għandu jkun ibbażat fuq bażi legali waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent prinċipali jew predominanti. F'dan il-każ, għalkemm id-deċiżjonijiet ikkontestati jikkonċernaw formalment titoli differenti tal-Ftehim ta' Sħubija, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li l-qasam li jaqgħu taħtu u, għalhekk, il-bażi legali tal-azzjoni esterna tal-Unjoni inkwistjoni għandhom jiġu evalwati fid-dawl tal-ftehim kollu kemm hu, peress li dawn id-deċiżjonijiet jikkonċernaw, b'mod ġenerali, il-funzjonament tal-istanzi internazzjonali maħluqa abbażi tal-Ftehim ta' Sħubija mal-Armenja. Barra minn hekk, l-adozzjoni ta' żewġ deċiżjonijiet distinti tal-Kunsill, ibbażati fuq bażijiet legali differenti, iżda li huma intiżi sabiex jistabbilixxu l-pożizzjoni waħda li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni dwar il-funzjonament tal-korpi stabbiliti minn dan il-ftehim, tista' tiġi ġġustifikata biss jekk il-ftehim, ikkunsidrat fl-intier tiegħu, jinkludi komponenti distinti li jikkorrispondu għall-bażijiet legali differenti użati għall-adozzjoni tal-imsemmija deċiżjonijiet.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li l-klassifikazzjoni ta' ftehim bħala ftehim ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp għandha ssir fid-dawl tal-għan essenzjali tiegħu u mhux skont il-klawżoli partikolari tiegħu. Issa, għalkemm ċerti dispożizzjonijiet tat-Titolu II tal-Ftehim ta' Sħubija mal-Armenja jirrigwardaw suġġetti li jistgħu jaqgħu taħt il-PESK u jaffermaw mill-ġdid ir-rieda tal-partijiet li jikkollaboraw bejniethom f'dan il-qasam, dawn id-dispożizzjonijiet madankollu huma ftit fil-ftehim u huma limitati, essenzjalment, għal dikjarazzjonijiet ta' natura programmatika li jiddeskrivu biss ir-relazzjonijiet eżistenti bejn il-partijiet kontraenti u l-intenzjonijiet komuni tagħhom għall-futur.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata sussegwentement, fir-rigward tal-għanijiet tal-Ftehim, li dan huwa intiż prinċipalment sabiex jistabbilixxi l-qafas tal-kooperazzjoni fil-qasam tat-trasport, tal-kummerċ u tal-iżvilupp mal-Armenja. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li jinħtieġ li ftehim ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp ikun ukoll ibbażat fuq dispożizzjoni differenti minn dik relatata ma' din il-politika kull darba li taffettwa suġġett speċifiku huwa ta' natura li jxejjen mis-sustanza tagħhom il-kompetenza u l-proċedura previsti fl-Artikolu 208 TFUE. F'dan il-każ, għalkemm uħud mill-għanijiet speċifiċi intiżi sabiex isaħħu d-djalogu politiku jistgħu ċertament jintrabtu mal-PESK, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li l-enumerazzjoni ta' dawn l-għanijiet speċifiċi ma hija akkumpanjata minn ebda programm ta' azzjoni jew modalitajiet konkreti ta' kooperazzjoni li huma ta' natura li jistabbilixxu li l-PESK tikkostitwixxi wieħed mill-komponenti distinti ta' dan l-istess ftehim, b'mod marġinali għall-aspetti marbuta mal-kummerċ u mal-kooperazzjoni fl-iżvilupp.

Fl-aħħar, jekk element kumentwali li fih jidħol att, bħal, f'dan il-każ, il-kunflitt ta' Nagorno-Karabakh, jista' wkoll jittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi ddeterminata l-bażi legali tal-imsemmi att, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-Ftehim ta' Sħubija mal-Armenja ma jipprevedi ebda miżura konkreta jew speċifika sabiex tiġi affrontata din is-sitwazzjoni li tinvolvi s-sigurtà internazzjonali.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-Deċiżjoni 2020/246, peress li din kienet ibbażata b'mod żbaljat fuq bażi legali sostantiva komposta mill-Artikolu 37 TUE. Fir-rigward tad-Deċiżjoni 2020/245, il-Qorti tal-Ġustizzja tannullaha wkoll. Fil-fatt, mill-premessa 10 u mill-Artikolu 1 tagħha jirriżulta li din id-deċiżjoni ma tikkonċernax il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fi f'dan il-Kunsill ta' Sħubija stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija mal-Armenja sa fejn din il-pożizzjoni tirrigwarda l-applikazzjoni tat-Titolu II ta' dan il-ftehim. Issa, id-dispożizzjonijiet inklużi f'dan it-titolu ma jikkostitwixxux komponent distint tal-imsemmi ftehim, li jimponi fuq il-Kunsill li jibbaża ruħu, fost oħrajn, fuq l-Artikolu 37 TUE u fuq it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(8) TFUE sabiex jistabbilixxi din l-istess pożizzjoni. Għaldaqstant xejn ma kien

jiġġustifika li l-Kunsill jeskludi mill-għan tad-Deċiżjoni 2020/245 il-pożizzjoni inkwistjoni, sa fejn din tirrigwarda l-applikazzjoni tat-Titolu II tal-istess ftehim, u jadotta deċiżjoni distinta skont l-Artikolu 218(9) TFUE, li għandha l-għan li tistabbilixxi l-imsemmija pożizzjoni sa fejn tirrigwarda din l-istess applikazzjoni.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, bil-għan ta' ċertezza legali, li żżomm l-effetti tad-deċiżjonijiet annullati, sakemm il-Kunsill jadotta deċiżjoni ġdida konformi mas-sentenza.

NOTA: Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jiġu annullati atti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal lakuna ġuridika eventwali li tinħoloq bl-annullament tal-att.

Dokument mhux uffċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355